27 ta' Ġunju, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Carmelo Sant et. *versus* Fortunata Galea et.

**Mezzadrija — Lokazzjoni — Ċessjoni ta' l-Inkwilinat — Raba' tal-Gvern — Kontijiet — Illeġittimità tal-Persuna — Mara — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Mala Fede — Komunjoni ta' Interessi — Provi — Xhieda — Preskrizzjoni — Art. 1552 u 2262 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 781 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-kuntratt ta' mezzadrija huwa kuntratt ta' lokazzjoni ta' fond rustiku, skond il-liġi tagħna, li fih l-element tad-diviżjoni tal-profitti bħas-soċjetà; u għalhekk il-preskrizzjoni ta' sena li għaliha*

*hija suġġetta l-azzjoni għar-rendiment tal-kontijiet kontra l-eredi ta' persuna li kienet amministratur, tutur jew kuratur, mhix applikabili fil-każ ta' azzjoni kontra l-eredi tal-mezzadru għar-rendiment tal-kontijiet tal-mezzadrija li kienet f'idejn il-mejjet.*

*Hija ħaġa notorja illi l-Gvern fir-raba' tiegħu jirrikonoxxi l-familja tal-gabillott li miet, jiġifieri lill-mara tiegħu u lil uliedu; għaldaqstant meta l-Gvern jirrikonoxxi lit-tieni mara tal-gabillott, huwa presumibili li dan għamlu bil-kunsens ta' wlied l-ewwel mara ta' dak il-gabillott.*

*L-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tista' tiġi sollevata meta wieħed ikun inkapaċi joqgħod f'kawża, jew meta l-attur jew il-konvenut jidher fl-isem u fl-interess ta' ħadd ieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għal dan il-fini. Għalhekk dik l-eċċezzjoni mhix opponibili kontra l-eredi billi dan ma jindikax li qiegħed jidher bħala eredi ta' l-awtur tiegħu. U għalkemm ikun meħtieġ li fit-talba tidher il-provenjenza ereditarja tal-kreditu mitlub, mhux però meħtieġ li fl-okkju tal-kawża jiġi ndikat li l-attur qiegħed jaġixxi bħala eredi tal-kreditur.*

*Meta l-mezzadru jitlaq il-mezzadrija għal kollox u minfloku jidħol ħadd ieħor, ma hemmx sullokazzjoni, imma figura ġuridika li tixbah liċ-ċessjoni ta' l-inkwilinat bil-mezzadrija miegħu.*

*Għal dik iċ-ċessjoni hija meħtieġa l-kitba; u jekk il-mezzadrija oriġinarja tkun tirriżulta minn att publiku, anki ċ-ċessjoni tagħha tirrikjedi l-formalità ta' l-att publiku. Imma jekk dina ċ-ċessjoni tkun nulla minħabba l-forma, u ċ-ċessjonarju jkun effettivament daħal fir-raba', huwa ma jistax jiġi eżentat, bis-saħħa ta' dik in-nullità, mill-obligi tiegħu ta' mezzadru, fosthom dak li jirrendi kont tal-frutti perċepiti għall-imgħoddi.*

*Meta jiġi mitlub kreditu pretiż dovut minn bniedem mejjet, l-azzjoni hija diretta tajjeb meta tiġi eżerċitata kontra l-mara tiegħu flimkien ma' wliedu; għaliex il-preżenza tal-mara hija dejjem neċessarja fil-kawża għall-interess li hija jista' jkollha fl-akkwisti; u dan avvolja hija ma tirrispondix għad-debiti tar-raġel meta l-komunjoni hija passiva.*

*L-eredi ma jistax jallega illi l-"mala fede" ta' l-awtur tiegħu ma tirrigwardahx u ma tistax tippreġudikah. Jekk il-"mala fede" tirriżulta, l-eredi huwa tenut għall-konsegwenza tagħha, għax huwa*

*ma għandux drittijiet akbar milli kellu l-awtur tiegħu.*

*Meta l-mezzadrija hija nulla minħabba nuqqas ta' kitba, il-prova li kienet teżisti tista' ssir per mezz ta' xhieda, u dan għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-interessi li kien hemm teżisti fil-fatt.*

*Meta l-Qorti tirriġetta l-preskrizzjoni uvokata minn min eċċepiha, ma tistax teżamina jekk hix applikabili xi preskrizzjoni oħra; salv li fi stadju ulterjuri tal-kawża tista' tiġi sollevata kwalunkwe preskrizzjoni oħra "si et quatenus".*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremettew illi l-imsemmi Salvatore Galea, missier il-konvenuti aħwa Galea, waqt iż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta Fortuna Galea, kien ħa minn għand Gio Maria Sant fis-sena 1933 ċirka r-raba' msejjaħ "Ta' Hbula l-Bojod" fil-kuntrada tal-Mistra, limiti tal-Mellieħa, ta' kejl ta' ċirka ħamest itmien, bin-nofs, bil-kondizzjoni, jiġifieri, li Salvatore Galea jaħdem ir-raba' u joħroġ id-demel u ż-żerriegħa u jieħu nofs il-prodott, u jagħti n-nofs l-ieħor, wara li titħallas minnu l-qbiela, lill-atturi u lill-msiefra Giuseppa mart Carmelo Deguara; u li l-konvenuti aħwa Galea huma l-eredi ta' l-imsemmi Salvatore Galea, u baqgħu wara l-mewt ta' missierhom jaħdmu l-istess raba' mal-konvenuta Fortunata Galea, li għandha nofs l-akkwisti li saru fiż-żwieġ tagħha ma' l-istess Salvatore Galea; u li la l-imsemmi Salvatore Galea u lanqas il-konvenuti qatt ma taw kont tal-prodotti li ttieħdu mill-imsemmi raba', għad li ġew ripetutament interpellati għal hekk; talbu illi l-istess konvenuti jiġu kundannati jagħtu, fi żmien li jiġi lilhom prefiss, kont tal-prodotti li ttieħdu mir-raba' fuq imsemmi minn meta ġie mogħti minn Gio Maria Sant sal-lum, u fin-nuqqas jiġi likwidat l-ammont lilhom dovut u lill-imsemmija Giuseppa Deguara għan-nofs tal-prodotti ta' l-imsemmi raba' li ttieħdu fiż-żmien fuq imsemmi, wara li jitħallsu l-qbejjel, u l-istess konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilhom il-kwota li jmisshom li tiġi likwidata; bl-interessi legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fl-10 ta' April 1917, fejn iddeċediet għat-ċenur ta' l-ewwel talba ta' l-atturi u ppreffiggiet lill-konvenuti xahar żmien sabiex jirrendu l-kont imsemmi f'dik it-talba; u rriżervat li tipprovdi fuq it-talbiet l-oħra skond il-każ wara li jkun għadda ż-żmien fuq imsemmi; u ordnat illi l-ispejjeż, barra minn dawk għà deċiżi, jibqgħu riżervati għas-sentenza finali; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenuti opponew dawn l-eċċezzjonijiet :— (1) illi hija ta' ostakolu l-preskrizzjoni ta' sena kontemplata fl-artikolu 2262 tal-Kodiċi Ċivili; (2) illi l-atturi ma humiex persuni leġittimi biex jagħmlu l-kawża, għaliex ir-raba' kien ġie mogħti bin-nofs minn Rosa, it-tieni mara ta' missierhom Francesco Sant, li allura kienet l-unika gabillotta tar-raba', u kwindi l-azzjoni tikkompeti lill-werrieta ta' dina Rosa Sant; (3) illi l-atturi ma ppruvawx li huma l-eredi ta' Francesco Sant; (4) li anki jekk l-azzjoni tmiss lill-atturi, dawna ma jistgħux jeżerċitawha kontra tagħhom, li huma subkonduttturi jew ċessjonarji tar-raba' (arg. mill-art. 1709 Kodiċi Ċivili); l-atturi jistgħu jkollhom biss azzjoni diretta kontra Gio Maria Sant, minn għand min missier il-konvenuti ħa r-raba'; (5) li missierhom (Salvu Galea) ma kellu ebda rapport ma' l-imsemmija Rosina Sant; (6) li r-raba' qatt ma kien bin-nofs għand missierhom; (7) li huma qatt ma jistgħu jiġu obligati jagħtu kontijiet u jħallsu profitti għall-perijodu bejn il-mewt ta' missierhom u l-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 1946, għaliex kienu possessuri "di buona fede"; (8) li l-kawża trid tiġi sospiża għaliex il-kreditu pretiż ma jirriżultax denunzjat lill-Kollettur tat-Taxxi;

Illi l-preskrizzjoni nvokata hija dik kontemplata fl-art. 2262 tal-Kodiċi Ċivili, li twaqqa' b'għeluq ta' sena minn dak in-nhar tal-mewt tat-tutur, kuratur, mandatarju jew amministratur ieħor, l-azzjoni għall-għoti ta' kontijiet kontra dawk il-persuni; illi dina l-preskrizzjoni mhix applikabili għall-każ, għar-raġuni illi l-kolonja parzjarja mhix mandat, imma, kif ġie kostantement ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, dan il-kun-

tratt huwa, skond il-liġi tagħna, kuntratt ta' sublokazzjoni ta' fond rustiku, li għandu jiġi kwindi regolat mill-liġijiet konċernenti l-lokazzjoni ta' fondi rustiċi, għalkemm hija kontroversa ħafna fid-dottrina n-natura ta' dak il-kuntratt; u għalhekk irrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Illi fuq l-illeġittimità tal-persuna ta' l-atturi, illi l-atturi ma jippretendux li għandhom l-azzjoni li qegħdin jeżerċitaw bħala werrieta ta' l-imsemmija Rosa Sant bil-pretensjoni li wirtu l-inkwilinat tar-raba' minn għandha, imma qegħdin jaġixxu in forza tal-ftehim li huma jippretendu li sar bejn l-istess Rosa Sant u Gio Maria Sant meta sar il-kuntratt tal-kolonja parzjarja bejniethom, li wara l-mewt ta' l-imsemmija Rosa Sant sehemha jmur fuqhom, u in forza tal-pretiż ftehim li sar bejn l-imsemmi Gio Maria Sant u Salvu Galea, missier il-konvenuti, meta dan daħal minflok Gio Maria Sant li jassumi l-obligi kollha li kellu Gio Maria Sant, fosthom l-imsemmi obligu li wara l-mewt ta' l-imsemmija Rosa Sant sehemha jagħtih lill-atturi; u in forza wkoll tal-ftehim li l-atturi jippretendu li sar mal-Gvern fis-sens illi l-imsemmja Rosa Sant kellha tiġi rikonoxxuta bħala gabillotta tar-raba' wara l-mewt ta' żewġha missier l-atturi, sakemm tibqa' ħajja, u mbagħad wara mewtha r-raba' jerġa' jmur fuq l-atturi u Giuseppa Deguara;

Illi dina l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa, għaliex jekk huwa veru illi l-imsemmija Rosa Sant, u mbagħad warajha Gio Maria Sant, ikkuntrattaw anki għall-vantaġġ ta' l-atturi, huma dawna li għandhom jaġixxu għalbiex jassiguraw dak il-vantaġġ; u għalhekk irrespinġiet anki dina l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Illi fuq l-eċċezzjoni li l-atturi ma ppruvawx li huma l-eredi ta' Francesco Sant, lanqas dina l-eċċezzjoni ma tista' tiġi milqugħa, u ġiet respinta bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, anki jekk l-atturi qegħdin jaġixxu bħala interessati fil-wirt ta' Francesco Sant; għaliex il-kwalità fl-atturi ta' eredi ta' Francesco Sant tirriżulta mid-dokument miġjub man-nota tagħhom; u kif sewwa rrilevaw l-atturi, il-konvenuti, u speċjal-

ment il-konvenuta Fortunata Galea, kienet taf li l-atturi flimkien, u flimkien magħha, huma *l-eredi ta' Francesco Sant;*

Illi fuq l-eċċezzjoni li l-atturi ma jistgħux jeżerċitaw l-azzjoni kontra l-konvenuti, sub-kondutturi jew ċessjonarji tar-raba', ma hemmx lok għal dina l-eċċezzjoni, billi l-atturi qegħdin jaġixxu in forza tal-ftehim li jippretendu li sar bejn l-imsemmi Gio Maria Sant u missier *il-konvenuti, li dan l-aħħar* kellu jieħu r-raba' taħt l-istess kondizzjonijiet li bihom kien ġie *konċess lill-istess* Gio Maria Sant, fosthom *il-kondizzjoni* illi wara l-mewt ta' l-imsemmija Rosa Sant is-sehem ta' dina kellu jiġi mogħti lill-atturi, u kwindi missier il-konvenuti, *kif jippretendu* l-atturi, assuma *dana* l-obligu *li jagħti* huwa stess direttament lill-atturi s-sehem li kien jagħtihom l-istess Gio Maria Sant kieku ma saretx iċ-ċessjoni; u għalhekk irrespinġiet anki dina l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Illi *għall-istess raġuni fuq indikata u għal dawk mogħtijin* 'n konnessjoni mat-tieni eċċezzjoni, lanqas ma għandu importanza l-fatt li missier il-konvenut ma kellu ebda rapport ma' l-imsemmija Rosa Sant; u kwindi anki l-ħames eċċezzjoni ġiet respinta bl-ispejjeż;

Illi fuq l-eċċezzjoni li l-kawża *għandha tiġi* sospiża għaliex il-pretiż kreditu ta' l-atturi ma jirriżultax denunzjat lill-Kollettur tat-Taxxi, illi din l-eċċezzjoni ġiet soilevata għall-każ li l-atturi qegħdin jaġixxu bħala interessati fil-wirt ta' Francesco Sant; iżda ma tistax tiġi milqugħa, għaliex il-pretiż kreditu *nħoloq* wara *l-mewt ta'* l-istess *Francesco Sant*, jiġifieri qatt ma kien ta' dana Francesco Sant u mbagħad bil-wirt tiegħu għadda għand l-atturi, u kwindi ma setax jiġi ndikat fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' l-istess Francesco Sant; u għalhekk anki dina l-eċċezzjoni ġiet respinta bl-ispejjeż;

*Illi fil-meritu, ir-raba' in* kwistjoni kien bi qbiela għand l-imsemmi Francesco Sant missier l-atturi. Meta miet dana Francesco Sant ġiet mill-Gvern rikonoxxuta bħala gabillotta l-armla tiegħu, li kienet it-tieni mara, u dan sar bil-kunsens ta' l-atturi wlied l-imsemmi Francesco Sant..............; illi meta ġiet *rikonoxxuta* bħala *gabillotta l-imsemmija* Rosa Sant,

dina tatu l'l Gio Maria Sant bil-patt li jiddividi l-profitti, u dana l-kuntratt ta' kolonja parzjarja sar fl-attijiet tan-Nutar Emmanuele Pio Debono tat-23 ta' Settembru 1926......; illi l-imsemmi Gio Maria Sant xehed ukoll illi huwa ried jitlaq dan ir-raba' għaliex kellu raba' ieħor u ċeda sehmu lill-imsemmi Salvatore Galea bl-istess kondizzjonijiet li bihom kien ħadu minn għand Rosa Sant, u xehed ukoll illi huwa spjega lill-istess Galea x'kienu dawk il-kondizzjonijiet, u semmielu li sakemm tibqa' ħajja l-imsemmija Rosa jaqsam magħha, u wara mewtha jaqsam ma' l-atturi, u dana Salvu Galea aċċetta...........; illi l-istess Carmelo Sant xehed ukoll illi xi xhur wara kellem lil dana Salvu Galea u fakkru li r-raba' kien bin-nofs, u dana rrisponda li kien jaf u qallu li "mbagħad nirranġaw"; illi huwa veru li hija ħaġa sintomatika li l-atturi qatt ma talbu sehemhom waqt li kien għadu ħaj l-imsemmi Salvu Galea, u tkellmu wara mewtu, però jekk hemm ċirkustanzi...........; huwa veru li provi testimonjali li jinġiebu wara l-mewt tad-debitur għandhom jittieħdu bl-akbar ċirkospezzjoni, għaliex dana ma jistax aktar jikkontrollahom; imma f'dana l-każ il-fatt pruvat bix-xhieda huwa konformi għall-fatt kif presumibilment kellu jsir;

Illi Gio Maria ma setax iċedi ħlief id-drittijiet li huwa kellu fuq ir-raba', li kienu dawk ta' mezzadrija;

Illi fuq l-eċċezzjoni li l-konvenuti ma jistgħux jiġu obligati jagħtu kont u jħallsu profitti għall-perijodu bejn il-mewt ta' Salvu Galea u l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu 1946, illi dina l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa, għaliex kif miet Salvu Galea l-attur Carmelo Sant qal lill-konvenuti aħwa Galea illi r-raba' kien qiegħed għandhom bin-nofs;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u jiġu respinti t-talbiet ta' l-atturi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-ewwel gravam miġjub fil-petizzjoni quddiem din il-Qorti huwa illi l-atturi huma persuni illeġittimi, billi kien imisshom jaġixxu mhux fl-isem tagħhom proprju, iżda jew

bħala eredi ta' Francesco Sant missierhom, li minn għandu wirtu l-inkwilinat tar-raba' in kwistjoni, jew bħala eredi ta' Rosa Sant it-tieni mara tiegħu, billi mimma kien ġie mogħti lil Gio Maria Sant l-istess raba' bil-mezzadrija. Fuq dawn iż-żewġ ipotesijiet huwa meħtieġ jiġi eżaminat mill-ewwel jekk l-inkwilinat kienx ta' Francesco Sant missier l-atturi, jew inkella ta' Rosa Sant it-tieni mara tiegħu. Jirriżulta pruvat mill-atti ta' din il-kawża...........;

Minn dana kollu jidher biċ-ċar illi l-inkwilinat ta' dan ir-raba' huwa tat-tfal ta' Francesco Sant, indipendentement mill-kwistjoni, li ma tistax tifforma oġġett ta' din il-kawża, jekk f'dan ir-raba' għandhomx jidħlu jew le Fortunata Galea u oħtha Grazia, il-lum mejta, peress illi Francesco Sant kien ta lil dawn iż-żewġt itfal tiegħu, meta żżewġu, biċċa raba' kull waħda minn dan ir-raba'. Hija ħaġa notorja illi l-Gvern fir-raba' tiegħu jibqa' jirrikonoxxi l-familja tal-mejjet, u għal-hekk lill-mara u lit-tfal tiegħu; u peress f'dan il-każ il-mara superstiti kienet it-tieni mara u l-atturi kienu tfal ta' l-ewwel żwieġ, allura, meta l-Gvern irrikonoxxa lil Rosa Sant, almenu skond il-provi miġjuba, għamlu bil-kunsens ta' l-atturi u bħala ħaġa provviżorja waqt il-ħajja ta' l-istess Rosa Sant. U dan kien naturali, għaliex it-tfal ma kienux sejrin iċedu bħala miżura definitiva dak ir-raba' favur it-tieni mara ta' missierhom, mingħajr ma jidher li saret diviżjoni regolari fejn huma ħadu postijiet oħra in kumpens;

Tikkunsidra;

Illi stabbilit dan il-pont, illi l-inkwilinat ta' dan ir-raba' in kwistjoni, ċjoè ta' dawn is-sitt itmien u nofs, huwa f'idejn it-tfal ta' Francesco Sant, għandha issa tiġi eżaminata l-eċċezzjoni li taw l-appellanti ta' l-illeġittimità tal-persuna fuq imsemmija. Hija ħaġa magħrufa illi l-liġi, fl-art. 781 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tiddisponi illi din l-eċċezzjoni tingħata (1) meta l-wieħed jew l-ieħor huma nkapaċi skond il-liġi biex joqgħod f'kawża, jew (2) biex ikun attur jew konvenut fl-isem u fl-interess ta' ħadd ieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għal dan il-fini. L-ewwel ipotesi hija manifestament inapplikabili, għaliex ma hawnx l-ebda kwistjoni

ta' inkapaċità; it-tieni ipotesi hija anki inapplikabili, għaliex meta persuna tidħer, sew bħala attur jew konvenut, bħala eredi ta' l-awtur tiegħu, dana vwoldiri li qiegħda tidher għaliha stess, għal ħaġa tagħha stess, għaliex l-eredi ma huwiex ħaġa oħra ħlief il-kontinwatur tal-persuna tad-decujus, u l-persuna ta' l-eredi u dik tad-decujus jiffurmaw ħaġa waħda; u allura huwa loġiku illi l-eredi ma jkunx qiegħed jidher għannom u fl-interessi ta' ħadd ieħor, kif "expressis verbis" il-liġi stess tgħid fl-artikolu fuq ċitat. Ċertament fil-każ ta' l-attur, biex jipprova dak il-kreditu tiegħu, jew li dik il-ħaġa qiegħda fil-patrimonju tiegħu u hija issa tiegħu u mhux ta' ħadd ieħor, għandu neċessarjament isemmi l-provenjenza ta' dik il-ħaġa li kienet tad-decujus, imma dana mhux vwoldiri illi dik il-ħaġa jew dak il-kreditu ma huwiex "tiegħu"; u la darba huwa tiegħu, teżula addirittura kwalunkwe kwistjoni u kwalunkwe idea ta' illeġittimità tal-persuna. Din il-Qorti kellha okkażjoni tistabbilixxi dawn il-prinċipji ripetutament, meta ġiet hekk mogħtija din l-eċċezzjoni f'każijet bħal dawn;

Għalhekk ma kienx hemm bżonn illi l-atturi, ma' isimhom fl-okkju tal-kawża, jindikaw ukoll illi huma qegħdin jaġixxu bħala eredi ta' missierhom Francesco Sant; u għal dawn ir-raġunijiet tirrespinġi dik l-eċċezzjoni; bl-ispejjeż relativi kontra l-konvenuti appellati;

Tikkunsidra;

Illi t-tieni eċċezzjoni li ġiebu l-appellanti fil-petizzjoni hija illi l-atturi kien imisshom għamlu din l-azzjoni kontra Gio Maria Sant, għaliex ir-raba' kien ġie mogħti lilu, u mhux lil Salvatore Galea, peress illi dan bħala subkonduttur, jew aħjar, bħala ċessjonarju, ma għandux u qatt ma kellu rapporti ma' Rosa Sant. Kif irriżulta mill-provi, meta Gio Maria Sant ma riedx jaħdem iżjed dan ir-raba', sab lil Salvatore Galea u ftiehem miegħu illi huwa għandu jidħol minfloku fit-tgawdija ta' dan ir-raba', bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha u obligi li kellu in forza tal-kuntratt li kellu ma' Rosa Sant, u fosthom illi huwa Galea, bħala gabillott tar-raba' in kwistjoni, u mdaħħal għalhekk f'dik il-mezzadrija minflok Gio Maria Sant, għandu jagħti nofs il-prodotti jew il-valur tagħhom lil Rosa

Sant, u wara lill-atturi. Effettivament Gio Maria Sant qal illi waqt li kienet ħajja Rosa Sant huwa kien taha nofs il-prodotti, però lill-atturi qatt ma tahom xejn. Din il-figura l-appellanti jgħidu li hija ta' sullokazzjoni magħmula minn Gio Maria Sant lil Salvatore Galea, jew ta' ċessjoni tad-dritt ta' dak l-inkwilinat, bil-kondizzjonijiet kollha tiegħu, mentri l-appellati jgħidu illi hija figura "sui generis". Ċertament sullokazzjoni m'hijiex, għaliex irriżulta illi Gio Maria Sant ħareġ għal kollox minn dik il-pożizzjoni li kien fiha, u qatt ħadd ma fittxu; iżjed tidher li hija ċessjoni ta' l-inkwilinat bil-mezzadrija miegħu, dejjem skond it-teżi ta' l-atturi. Allura r-rapporti saru bejn Rosa Sant jew l-atturi jew it-tfal ta' Francesco Sant minn naħa, u l-mezzadru Salvatore Galea min-naħa l-oħra; u allura għall-azzjoni tar-rendiment tal-kontijiet l-atturi kellhom neċessarjament jagixxu kontra Salvatore Galea jew l-eredi tiegħu, u mhux kontra Gio Maria Sant;

Għalhekk tirrespingi din l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Tikkunsidra;

Illi eċċezzjoni oħra hija dik illi jekk hemm ċessjoni, din hija nulla skond il-liġi minħabba n-nuqqas ta' l-iskrittura, konformement għall-art. 1552 tal-Kodiċi Ċivili. Irriżulta illi f'dik l-operazzjoni taċ-ċessjoni, b'novazzjoni, bejn Gio Maria Sant u Salvatore Galea ma kienx hemm skrittura, u kollox sar verbalment, mentri skond il-liġi kien imissha saret skrittura, anzi att pubbliku, peress illi dak id-dritt ta' l-inkwilinat kien ġej minn att publiku. Il-konsegwenza għalhekk hija illi dak li sar sar nullament bejn il-partijiet; konsegwentement, billi Salvatore Galea ma kellu ebda kuntratt favur tiegħu, sakemm baqa' jseħħ dak il-kuntratt ta' Gio Maria Sant ir-rapporti baqgħu ta' dak Gio Maria Sant, u għalhekk Salvatore Galea, li kien bla titolu, seta' ġie espuls fi kwalunkwe mument, kif huwa seta' jħalli l-post fi kwalunkwe żmien peress li ma kienx vinkolat b'xejn. Imma effettivament Salvatore Galea daħal f'dak il-post u presumibilment daħal bl-annuwenza ta' Rost Sant, kif ukoll ta' l-atturi, għaliex irriżulta mix-xhieda ta' Carmelo Sant illi meta sar dan huwa ġie

nfurmat minn Gio Maria Sant, u qallu li għandu pjaċir peress illi Salvatore Galea huwa r-raġel ta' oħtu. Għalhekk la darba, kif almenu jippretendu l-atturi, Salvatore Galea daħal in forza ta' dik iċ-ċessjoni li kien għamillu Gio Maria Sant, għalkemm ġuridikament hija nulla, u gawda dak il-post, ma jistax jeżenta ruħu mill-obligi li kellu minħabba n-nulltà ta' dik iċ-ċessjoni, għaliex diversament tkun ħaġa immorali, u għalhekk anti-ġuridika, illi persuna in forza ta' negozju null ikun ħa l-vantaġġi kollha mingħajr ma jadempixxi l-obligi inerenti ma' dawk il-vantaġġi;

Każ analogu bħal dan insibuh fil-każ ta' soċjetà irregolari minħabba n-nuqqas ta' skrittura. U f'dan il-każ, għalkemm, kif irriteniet tajjeb l-Ewwel Qorti, il-mezzadrija skond id-dottrina u l-ġurisprudenza għandha n-natura ta' kuntratt ta' lokazzjoni, għaliex verament bejn il-konċedent u l-konċessjonarju ma jsirx ħaġa oħra ħlief lokazzjoni bil-kondizzjoni illi minflok il-korrispettiv tat-tgawdija jkun flus ikun parti tal-prodotti ta' dak ir-raba', b'dan kollu huwa ammess ukoll fid-dottrina illi dan il-kuntratt jipparteċipa wkoll mill-kuntratt tas-soċjetà peress illi b'dak il-ftehim il-partijiet ikunu ħolqu soċjetà tal-prodotti bejniethom, fis-sens illi dawk il-prodotti għandhom jiġu maqsumin bejniethom, nofs kull wieħed jew fi proporzjon oħra. Fil-każ ta' soċjetà ġie kostantement ritenut minn din il-Qorti u mill-Qorti tal-Kummerċ illi jkun immorali, għalkemm ma jkunx hemm skrittura, la darba x-xogħol ikun sar, illi min għandu f'idejh il-profitti jibqa' sejjer b'kollox għad-diskapitu ta' l-oħrajn; u allura ġie stabbilit illi, peress li bejn il-partijiet ikun hemm stat ta' komunjoni ta' interessi, bħala tali min ikollu interess ikun jista' jitlob ir-rendiment tal-kontijiet. F'dak il-każ, bħal dan, l-iskrittura hija neċessarja; anzi l-liġi kummerċjali tistabbilixxi f'dawk il-każijiet illi fin-nuqqas ta' skrittura ma hemmx azzjoni ta' soċju kontra l-ieħor (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Cutajar vs. Muscat", App. Kumm. tad-29 ta' April 1912, kif ukoll Troplong, Soċjetà, para. 227, u Pardessus P.V., Tit. II, Sez. 1ma.; ara wkoll "Farrug'a vs. Borda". Kumm. 3 ta' Marzu 1906; u App. 4 ta' April 1906 "Darmanin vs. Mirabelli" App.

Kumm. 22 ta' Frar 1878, Vol. VIII, p. 450; "Calleja Cortis utrinque", Kumm. 5 ta' Marzu 1881, Vol. IX, p. 345; "Darbois vs. Xuereb", App. Kumm. 6 ta' Ġunju 1887, Vol. XI. p. 358; "Mula vs. Żahra", Kumm. 30 ta' Ottubru 1906; u App. Kumm. 31 ta' Ġunju 1907; kif ukoll ġurisprudenza iżjed *reċenti)*;

Għalhekk, għalkemm dik iċ-ċessjoni hija nulla, iżda l-atturi mhumiex preklużi illi jitolbu r-rendiment tal-kontijiet għall-imgħoddi, *minħabba l-istat tal-komunjoni li hemm bejn* il-partijiet;

Għalhekk dik l-eċċezzjoni mogħtija għandha tiġi respinta fis-sens illi, għalkemm iċ-ċessjoni ma kellhiex il-forma li trid il-liġi, iżda minħabba l-istat ta' komunjoni li hemm bejn *il-partijiet, jekk il-pretensjoni ta'* l-atturi *hija* debitament pruvata, għalhekk tirrespinġi dik l-eċċezzjoni f'dan is-sens illi ma tistax tipparalizza din l-azzjoni; l-ispejjeż ta' l-eċċezzjoni fuq indikata ma jkunux taxxati bejn il-partijiet minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ;

Tikkunsidra;

Illi aggravju ieħor sollevat mill-appellanti huwa illi l-azzjoni hija diretta ħażin kontra Fortunata Galea, għaliex il-komunjoni ta 'l-akkwisti bejnha u żewġha ma tidherx likwidata u hija ma tirrispondix jekk dik il-komunjoni hija passiva. Għalkemm dan huwa kollu veru, illi l-mara miżżewġa ma tirrispondix jekk il-komunjoni hija passiva, iżda l-preżunzjoni hija kontra dik il-passività, u għalhekk, jekk l-istess Fortunata Galea deħrilha illi dik il-komunjoni hija passiva, kien wisq faċli għaliha illi tiddimostra dan. Imbagħad, mingħajr *preġudizzju ta' din il-kwistjoni, il-preżenza tagħha f'kawża* bħal din kienet dejjem neċessarja, għaliex l-atturi mhumiex *sejrin jidħlu f'dawk ir-rapporti interni tal-likwidazzjoni ta' l-akkwisti bħala bażi tat-talba tagħhom*; u għalhekk l-azzjoni hija esperita kontra l-istess Fortunata Galea għal kwalunkwe interess li jista' jkollha eventwalment, u qatt ma setgħet tiġi mħollija barra minn din il-kawża;

*Għalhekk dik l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi, u tiġi respinta* bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Tikkunsidra;

Illi aggravju ieħor huwa illi din l-azzjoni ma kellhiex tiġi diretta kontra l-konvenuti nomine proprio, u l-pretiża "mala fede" ta' l-awtur tagħhom ma tirrigwardahomx u ma tistax tippreġudikahom. Fuq il-kwistjoni, jekk kellhomx ikunu ċitati nomine proprio, diġà dan il-pont ġie żvolt iżjed 'il fuq, fejn ġie stabbilit illi l-eredi ma hemmx bżonn ikun ċitat "ut sic" bħala eredi, għaliex la darba huwa aċċetta l-ereditá, il-kreditu jew debitu sar "ipso jure" tiegħu u mhux ta' ħadd ieħor. Fuq il-mala fede, jekk l-awtur tagħhom kien in mala fede, għal dak il-perijodu li kien ħaj l-awtur huma, bħala eredi tiegħu. ma jistgħux ikunu f'pożizzjoni iżjed vantaġġjuża minnu, għaliex l-eredi mhux ħadd ieħor ħlief il-kontinwatur tal-personalità tad-decujus. Għalhekk anki din l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi u tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Tikkunsidra;

Illi ma hemmx għalfejn wieħed jeżamina l-eċċezzjoni l-oħra illi huma mhumiex responsabili bħala eredi ta' missierhom għax il-kuntratt tal-mezzadrija huwa null, jekk qatt kien hemm; għaliex dan ġie provvdut iżjed 'il fuq;

Tikkunsidra;

Illi eċċezzjoni oħra ta' l-appellanti hija illi l-provi testimonjali biex jippruvaw il-mezzadrija mhumiex ammissibili, peress li kien meħtieġ l-iskritt u għalhekk kien rikjest f'dan il-każ l-att publiku. Għal din il-kwistjoni jiġu applikati l-prinċipji ekwitativi żvolti u stabbiliti mill-ġurisprudenza tagħna fis-sentenzi fuq riportati fil-każ ta' soċjetà irregolari li tkun effettivament ħadmet mingħajr ma kien hemm l-iskrittura, kontra d-dispożizzjoni testwali tal-liġi kummerċjali, illi ċjoè biex ikun pruvat dak l-istat tal-komunjoni ta' interessi bejn il-partijiet jistgħu anki jiġu eżaminati xhieda, u għalhekk dawk il-fatti jiġu stabbiliti per mezz ta' testimoni; u dan ġie stabbilit in vista dejjem ta' dak il-prinċipju fondamentali ta' moralità, ta' ekwità, u fl-istess ħin ta' ġustizzja, illi tkun ħaġa estremament inikwa illi wara li l-partijiet ikunu ħadmu flimkien, il-profitti jmorru kollha favur dak li materjalment ikun qiegħed jippossjedihom għaliex ma hemmx skrittura;

Għalhekk din l-eċċezzjoni hija anki respinta, b'dan illi l-ispejjeż relativi ma jkunux taxxati bejn il-partijiet;

Tikkunsidra;

Illi fil-meritu t-talbiet ta' l-atturi ġew suffragati bix-xhieda ta' wieħed minnhom, Carmelo Sant, u prinċipalment b'dik ta' Gio Maria Sant, li kien dak li għamel iċ-ċessjoni "de quo dicimus" u għalhekk kien edott mill-fatti kollha. L-appellanti ssottomettew biss li huma, il-mara ta' Salvatore Galea u t-tfal ta' l-istess Galea, ma jafu b'xejn b'dawn l-affarijiet, għaliex Salvatore Galea qatt ma semma xejn fuq din il-mezzadrija. M'hijiex ħaġa inverosimili illi l-appellanti ma jkunu jafu xejn, għaliex hija ħaġa magħrufa illi fil-kampanja l-missier, li di fronti għall-familja tiegħu jgħix ta' veru "pater familias", ma tantx jagħti sodisfazzjon ta' l-affarijiet tiegħu lit-tfal tiegħu, u lanqas lil martu, li anki din ħafna drabi, kif l-esperjenza tgħidilna kuljum, lanqas tkun taf xi flus għandu żewġha; anzi rriżulta diversi drabi, fir-relazzjonijiet bejn gabillotti, illi l-missier jieħu għalih għal xi mistoqsija da parti tat-tfal jew tal-mara fuq dawn il-materji............... Huwa anki ta' piż il-fatt illi l-atturi dehrilhom li jitqanqlu meta miet l-istess Salvatore Galea; imma b'dana kollu, di fronti għall-provi li ġiebu l-atturi, ma jidherx illi dawk il-provi jistgħu jiġu skartati, la darba l-appellanti ma ppruvawx illi sar xi "modus vivendi" bejn Salvatore Galea u l-atturi fejn dawn irrinunzjaw għal dawk id-drittijiet tagħhom għal nofs il-prodotti. Għalhekk suspetti jistgħu jiġu fl-animu ta' min għandu jiġġudika, iżda vera u proprja rinunzja ta' drittijiet ma tidherx li hemm, meta huwa fondamentali fid-dritt u fil-ġurisprudenza kostanti, illi biex ikun hemm rinunzja ta' drittijiet, il-fattijiet u ċ-ċirkustanzi għandhom ikunu ta' univoċità tali li l-kuntrarju jiġi eskluż u jkun inkompatibili ma' dawk iċ-ċirkustanzi. F'dan il-każ dawk il-fatti fuq enumerati ma humiex ta' valur univoku; għaliex, kif xi drabi jiġri, mhux biss f'persuni ta' kondizzjoni aġjata, imma anki bejn familji ta' gabillotti, li bejniethom ma jkunx hemm għlied, imma armonija, illi meta tinħoloq pożizzjoni antipatika di fronti għal wieħed tal-familja, bħal dan il-każ, għar-reża tal-kontijiet da

parti ta' Salvatore Galea, wieħed jibda jħalli f'idejn l-ieħor għaliex ħadd ma jkun irid jieħu l-antipatija illi huwa qanqal l-inkwiet, u għalhekk ikun hemm ċertu spirtu ta' tolleranza li ma jistax jammonta għal vera rinunzja;

Tikkunsidra;

Illi l-appellanti għamlu wkoll riferenza għall-osservazzjonijiet li għamlu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, fejn ġiebu 'l quddiem anki eċċezzjonijiet oħra. Fuq dawn il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti;

Fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena skond l-art. 2262 tal-Kodiċi Ċivili, kif ġie stabbilit iżjed 'il fuq u kif irriteniet tajjeb l-Ewwel Qorti, il-kolonja skond il-liġi tagħna hija lokazzjoni, regolata u mqiegħda taħt it-titolu tal-lokazzjoni, imħallta, s'intendi, b'xi element tas-soċjetà minħabba n-natura tad-diviżjoni tal-profitti. Imma dawk il-prodotti għandhom jiġu mogħtija mill-mezzadru bħala kumpens tat-tgawdija li għandu tal-post, minflok li jħallas il-kera; infatti l-liġi "expressis verbis" tgħid illi l-kera jista' jikkonsisti tant f'somma ta' flus kemm f'ċerta kwantità ta' oġġetti, jew ukoll f'sehem tal-frottijiet li l-ħaġa tagħti (art. 1622 Kodiċi Ċivili, antik 1286 Ordinanza VII, 1868). Għalhekk il-mezzadru ma jistax jiġi kunsidrat bħala amministratur jew mandatarju kostitwit mil-lokatur, għaliex il-frottijiet li huwa jkollu jagħti lil lokatur huma taħt forma ta' ħlas tal-kera li għandu jħallas skond il-kuntratt tal-lokazzjoni;

Għalhekk dik il-preskrizzjoni speċjali li qiegħda stabbilita mil-liġi favur persuni l-jamministraw ħwejjeġ ta' ħadd ieħor, bħat-tuturi, kuraturi, mandatarji u amministraturi oħra, mhijiex applikabili għal dan il-każ. Peress illi din hija l-preskrizzjoni invokata mill-appellanti, il-Qorti ma tistax teżamina jekk hijiex applikabbli xi dispożizzjoni oħra f'materja ta' preskrizzjoni, għaliex ġie dejjem stabbilit fil-ġurisprudenza, u del resto huwa konsentaneu għar-raġuni u għall-ispirtu fondamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik għandha tiġi invokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u teżamina jekk hemmx xi preskrizzjoni li tista' tkun applikabili, peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza. Għalhekk la darba l-

eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija hija dik ta' sena, il-Qorti ma tidħolx f'eżami ulterjur; salv lill-appellanti, fl-eżami tat-talbiet l-oħra, li jkunu jistgħu jagħtu l-eċċezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni oħra, jekk jidhrilhom, u "si et quatenus" din tkun ammissibili — riżerva li t'ġi magħmula favur l-appellanti;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena skond l-art. 2262 tal-Kodiċi Ċivili fuq imsemmija, bir-riżerva fuq indikata, u tordna illi l-ispejjeż relativi fuq din l-eċċezzjoni għal dina l-istanza ma jkunux taxxati, bid-dritt tar-reġistru kontra l-appellanti. Tirrespinġi l-appell magħmul mill-konvenuti, b'dan illi x-xahar prefiss bl-ewwel sentenza jibda jgħaddi mil-lum; u tordna illi l-ispejjeż ta' dana l-appell, barra dawk fuq deċiżi, ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellanti; u għalhekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fuq l-ewwel talba; u tirrinvija l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża fuq it-talbiet l-oħra.